MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard (Urġenti)

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 48

27 ta' Ġunju 2022

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.30pm wara li ntradd is-salib u ntqalet talba. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tas-Sinjura Maria Concetta Scerri, is-Sur John P. Bonnici u l-Avukat Silvio Brincat.

Is-Sur Cordina irringrazzja lil dawk preżenti li sabu ħin biex jattendu din il-laqgħa ta' malajr.

## 48.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

48.1.1 Is-Sur Cordina qal li jqis lill-kulħadd skużat minħabba li din il-laqgħa saret malajr mill-lum għall-għada.

## 48.2 Approvazzjoni ta' Rapport tal-Evalwazzjoni Knis fit-toroq ta' Ħ'Attard; u

48.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ir-rapport ġie ċirkulat lill-Kunsill kollu u kien jinkludi bħalha evalwaturi lis-Sur Remigio Bartolo, l-Avukat Helen Caruana u s-Sur Chris Falzon. Min-naħa tagħhom huma kkonkludew u għalqu l-evalwazzjoni u għalhekk qed jitressaq sabiex jiġi approvat u jibda l-perjodu t'appell, jekk ikun hemm.

Is-Sur Victor Galea saqsa jekk l-ammont hux għal sena jew 4 snin. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-valur ta' dan il-kuntratt hu ta' €508060.80c u kkonfermat li hu għal 4 snin. Is-Sur Victor Galea qal li l-prezz hu raġonevoli hekk meta tikkunsidra li tieħu lura l-VAT.

Is-Sinjura Connie Scerri daħlet f'dan il-mument 05.32pm.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsilli ma jieħdux l-VAT lura u li minn dejjem hekk kienet. L-Avukat Caruana qalet li l-Kunsill *end user* u għaldaqstant jikklemjaha l-kuntrattur biss inkella tiġi klemjata doppju.

Il-Perit qal li ma kellux ċans jaqra r-rapport kollu imma li bħalha *bid* ra li wieħed biss kien hemm. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din hi t-tieni darba li ħareġ dan it-tender minħabba li l-ewwel darba ħadd ma kwalifika. Dan il-*bidder,* Veladrian Cleaning Services Limited, din id-darba kellu it-*technical* kollu kif suppost u għalhekk għadda mill-proċess t'evalwazzjoni. Il-Perit Schembri saqsa jekk il-kuntrattur hux dak li ħa x-xogħol tal-emerġenza? Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat dan u qalet li l-bidder kien *compliant* f'kollox u għalhekk il-proċess ingħalaq mill-evalwaturi.

Ir-rapport ġie approvat u t-tender għaldaqstant ingħata lil Veladrians Cleaning Services Limited.

## 48.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

48.3.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.36pm u ġiet aġġornata għas-27 ta' Lulju 2022 fis-5.30pm.

Konfermati, illum 27 ta' Lulju 2022.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv